MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' April, 2015

Numru 435/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Bernard Charles Spiteri]**

**vs**

**Robert Agius**

**Ronnie Mackay**

**Daniel Vella**

**omissis**

**omissis**

**Il-Qorti:**

1. Rat l-akkuzi dedotti kontra fost ohrajn Ronnie Mackay, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 228781M, Robert Agius, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 294672M, u Daniel Vella, detentur tal-karta tal-

identita Maltija bin-numru 989(G), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli

Ilkoll flimkien fit-30 ta’ Settembru 2014 u fil-ġimgħat qabel din id-data, ġewwa dawn il-gżejjer assoċjaw ruħhom ma’ persuna jew persuni bil-għan li jaghmlu serqa aggravata bil-valur bil-ħin, bil-mezz u bil-persuna u bil-vjolenza numerika;

Lil Robert Agius, Ronnie Mackay, *Omissis* u *Omissis* talli matul nhar it-30 ta’ Settembru 2014 ghal habta tat-8:15 filghaxija gewwa Rabat Ghawdex bil- hsieb li jikkomettu delitt ta’ serq mill-istabbiliment Bubbles, wrew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad- delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta taghhom u li kieku sehh kien ikun kkwalifikat bil-mezz, valur li jaccedi Euro 2329.37 bil-hin u vjolenza numerika;

Lil Daniel Vella wahdu talli rrenda ruhu komplici fit-tentattiv ta’ serq minn gewwa l-istabbiliment Bubbles sitwat gewwa Rabat Ghawdex, li sehh nhar it-30 ta’ Settembru 2014 ghal habta tat-8 :15 ta’ filghaxija, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tal-hatja;

U aktar lil *Omissis* u lil *Omissis* wahedhom talli matul il- lejl tat-30 ta’ Settembru 2014 ghal habta tat-8 :15 filghaxija gewwa Rabat Ghawdex ikommettew hsara volontarja gewwa l- istabbiliment Bubbles kif ukoll fuq vettura tal- ghamla Toyota bin numru ta registrazzjoni KAS 053 liema hsara teccedi il Euro 250 ghad dannu ta’ Raymond Caruana u jew persuni ohra;

U aktar lill Robert Agius, Ronnie Mackay, u Daniel Vella wahedhom it-tlieta li huma impjegati bhala Suldati fil-Forzi Armati ta’ Malta, talli matul dawn l- ahhar gimghat gewwa dawn il- gzejjer bhala uffiċċjal jew impjegati pubblici ikkommettew reat li huma kellhom jissorveljaw biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga taghhom huma kellhom d-dmir li jimpedixxu;

U aktar lil *Omissis* waħdu talli f’dawn il-gżejjer nhar it-30 ta’ Settembru tas-sena 2014 kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta’ provviżorja imposti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ppreseduta mill-Maġistrat Myriam Hayman nhar l-ewwel ta’ Marzu 2012 f’dan illi ma jikkomettix delitt ieħor ta’ natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest fost kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Liġijiet ta’ Malta;

Finalment lil *Omissis* u *Omissis* u lill Ronnie Mackay ukoll talli rrendew ruhhom recedivi ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li huma gew misjuba hatja ta’ diversi delitti, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fis-17 ta' Ottubru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(h), 28A, 31, 41, 42, 48A, 49, 50, 141, 262, 263, 267, 268, 270, 276, 277, 289 u 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imputati hatja tal-imputazzjonjiet kollha migjuba kontra taghhom u:

- lil Robert Agius u Daniel Vella ikkundannathom ghal tlettax (13)-il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghall-perjodu ta' tliet (3) snin;

- lil Ronnie Mackay u lil Juanito Jimenez ikkundannathom ghal tmintax (18)-il xahar prigunerija;

- lil Kurt Buttigieg ikkundannatu ghal sitta u ghoxrin (26) xahar prigunerija.

L-ewwel Qorti spjegat lill-imputati Robert Agius u Daniel Vella fi kliem ordinarju l-import tas-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien tliet (3) snin.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Ronnie Mackay, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Novembru, 2014, fejn l-appellant talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata, u filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lil appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, tvarja l-piena inflitta, u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta.

**4.** Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Novembru, 2014, fejn l-Avukat Generali talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenża appellata billi:

(1) tikkonferma dik il-parti fejn sabet lill-appellati lkoll ħatja tal-akkużi **kollha** miġjuba kontrihom;

(2) tikkonferma wkoll il-piena applikata fir-rigward tal-ko-akkużati Kurt Buttigieg u Juanito Jimenez;

filwaqt illi tħassar u tirrevoka fil-bqija billi timponi piena li ma tkunx piena taħt il-minimum fil-konfront ta’ Robert Mackay, Daniel Vella u Robert Agius, u liema piena għandha tkun waħda ta’ karċerazzjoni effettiva filwaqt li tordna l-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta fir-rigward tal-vettura Volkswagen Passat bin-numru ta’ reġistrazzjoni Bulgaru TX6140XC u dan ai termini tal-liġijiet applikabbli għal dan il-każ u ai finijiet tar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.

**5.** Rat l-atti tal-kawża u l-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti; semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**6.** Il-fatti, in kwantu relevanti ghall-finijiet tal-appelli ta‘ llum li jirrigwardaw il-parti tal-pieni imposti mill-ewwel qorti u s-sanzjoni tal-konfiska tal-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni Bulgaru TX6140XC, jistgħu jiġu riassunti kif ġej.

**7.** Quddiem l-ewwel Qorti l-imputati kollha ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom kif fuq inghad u ghalhekk il-Qorti ghaddiet biex taghti s-sentenza fuq isemmija fil-konfront ta‘ kull wiehed minnhom. Minn dik is-sentenza appella l-imputat Ronnie Mackay li jilmenta li l-piena imposta hi fic-cirkustanzi wahda sproporzjonata u talab li tigi varjata u imposta piena aktar ekwa u gusta. Mis-sentenza appellata appella wkoll l-Avukat Generali li minn naha tieghu appella mill-piena imposta fil-konfront tal-imputati Daniel Vella, Robert Agius u l-imsemmi Ronnie Mackay peress li jirritjeni li dik il-piena kienet taht il-minimu previst mil-ligi, il-piena erogata fil-konfront tal-imputati Daniel Vella u Robert Agius il-piena ta‘ prigunerija ma kellhiex tigi sospiza tenut kont tas-sehem taghhom fir-reat, u li fi kwalunkwe kaz, jekk l-istess piena tibqa‘ sospiza allura ghandha tizdied ghaliex altrimenti l-piena tkun wahda taht il-minimu previst mil-ligi. Finalment l-Avukat Generali jilmenta li l-ewwel Qorti ma applikatx l-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali ghall-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni Bulgaru TX6140XC in kwantu *corpus delicti*.

**8.** Rat illi l-aggravji tal-appellant Ronnie Mackay huma s-segwenti:

- tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz il-piena ta’ tmintax (18)-il xahar prigunerija, hija wahda sproporzjonata meta l-piena minima applikabbli kienet dik ta’ tlettax (13)-il xahar prigunerija u ma kien hemm ebda raguni ghaliex l-ewwel Qorti ma tapplikax il-piena minima msemmija meta jittiehed qis ukoll li l-appellant irregistra ammissjoni;

- il-piena tidher aktar inadatta fid-dawl tal-fatt li l-Qrati sahqu fuq il-bzonn li l-piena tkun mezz riformattiv aktar milli mezz retributtiv jew ta’ deterrent;

- kien hemm diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu recidivi wkoll inghataw opportunita’ ohra, permezz ta’ piena ridotta.

**9.** Rat illi l-aggravji tal-Avukat Generali huma s-segwenti:

- filwaqt li l-ewwel Qorti sabet ħtija tal-akkużi kollha miġjuba kontra l-imputati l-istess qorti *b’lapsus calami* ma indikatx l-artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali li jikkonċerna l-ħsarat volontarji kif miġjuba kontra l-imputati kollha meta ġiet biex issemmi l-artikoli applikabbli skont il-liġi ghalkemm b’dan li t-tieni proviso tal-artikolu 325(1) imsemmi ma hux applikabbli ghall-kaz fid-dawl tad-depozizzjoni tax-xhud Raymond Caruana ;

- l-pieni ta’ Daniel Vella, Robert Agius u Ronald Mackay huma taħt il-minimum previst mil-liġi peress li fir-rigward ta’ Ronald Mackay il-Qorti imponiet sentenza karċerarja effettiva ta’ 18 il-xahar priġunerija meta din il-piena ma setatx tkun inqas minn sentejn mehud in kunsiderazzjoni l-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali, iz-zieda bi grad bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 141 tal-istess Kodiċi, u z-zieda ta’ grad iehor in vista tal-addebitu tar-reċidiva li fil-każ tiegħu kienet tapplika ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-istess Kodici ; waqt li fir-rigward ta’ Daniel Vella u Robert Agius l-piena għandha tiżdied bi grad peress li suldati u ghalhekk il-piena minima erogabbli kellha tkun ta’ grad inqas minn dik imposta fuq Ronald Mackay u ċioe kellha tammonta għal 18 il-xahar effettivi ;

- tenut kont tal-estensjoni tal-involviment ta’ Daniel Vella u Robert Agius l-piena karċerarja ma kellhiex tigi sospiza iżda kellha tkun waħda karċerarja effettiva tenut kont ukoll tal-fatt li tnejn mill-imputati (li ma appellawx) weħlu piena karċerarja effettiva meta dawn fil-fatt ġew involuti fis-serqa minn Ronald Mackay wara li dan kien involva ruħu fl-orġanizazzjoni tas-serqa ma Robert Agius u Daniel Vella mentri l-menti tar-reat qed iġawdu minn sospensjoni ta’ piena karċerarja filwaqt li minn ġie rradunat minnhom jinstab inkarċerat effettivament.

- fi kwalunkwe kaz l-piena effettiva kif u jekk imposta fuq Vella u Agius xorta waħda għanda tiżdied mill-inqas sa tmintax il-xahar b’terminu ta’ sospenzjoni ekwiparabbli ;

- l-ewwel Qorti ma applikatx l-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali ghall-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni Bulgaru TX6140XC in kwantu *corpus delicti*.

**Ikkunsidrat,**

**10.** Il-Qorti tibda biex tirrileva li fil-kors tat-trattazzjoni orali quddiemha l-Avukat Dr. Philip Galea Farrugia ghall-Avukat General, kif ġie minnu verbalizzat fis-seduta tat-13 ta’ Marzu 2015, spjega li kien qieghed jirtira l-aggravju tieghu ghar-rigward tal-imputat Ronnie Mackay peress li rrizulta li l-piena erogata mill-ewwel Qorti fil-konfront tieghu kienet fil-fatt fil-minimu preskritt mil-ligi. Konsegwentement din il-Qorti ser tikkunsidra l-ewwel l-appell tal-imsemmi Ronnie Mackay in kwantu dan jilmenta li fic-cirkostanzi tal-kaz il-piena imposta mill-ewwel Qorti fir-rigward tieghu hija wahda eccessiva.

**11.** Dwar dan ix-xorta ta’ aggravju migjub mill-imputat Ronnie Mackay ghandu jigi rilevat, kif ġie ripetutament ritenut, li din il-Qorti, bħala Qorti ta’ reviżjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-piena fejn din tkun taqa’ fil-parametri tal-liġi u sakemm dik il-piena ma tkunx waħda manifestament eċċessiva jew ma jkunx hemm raġunijiet serji oħra li minħabba fihom din il-Qorti jkollha tintervjeni billi timmitiga l-piena erogata mill-ewwel Qorti.

**12.** Ghalkemm fl-appell tieghu Ronnie Mackay isostni li l-minimu tal-piena ghalih applikabbli kien ta' tlettax-il xahar izda fir-rikors tieghu tal-appall ma spjegax kif wasal ghal dan il-minimu. Sussegwentement, fl-24 ta' Marzu 2015, huwa pprezenta nota li fiha issa sostna li l-minimu tal-piena ghar-rigward tieghu hi addirittura dik ta' 9 xhur.

**13.** Fit-trattazzoni orali l-imputat Mackay permezz tal-avukat difensur tieghu semma li l-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali, li jipprevedi z-zieda bi grad tal-piena fil-kaz ta' reati li jsiru minn ufficjali jew impjegati pubblici liema reati dak l-ufficjal jew impjegat kellu jissorvelja li ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi, ma kienx applikabbli. Fuq il-premessa tal-inapplikabilità ghalih tal-artikolu 141 hi wkoll msejjsa l-komputazzjoni tal-minimu tal-piena fin-nota tieghu msemmija tal-24 ta' Marzu 2015. Din ir-raguni, u cioè l-inapplikabilità tal-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali, ma tressqitx bhala wiehed mill-aggravji tal-appell tieghu minkejja li l-istess artikolu gie espressament invokat u applikat mill-ewwel Qorti, anki ghaliex l-istess imputat kien ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu fosthom dik li specifikatament tistrih fuq l-artikolu 141. Din il-Qorti ghalhekk ma tistax tiehu konjizzjoni tal-istess aggravju tenut kont tal-gurisprudenza ormai kostanti ta' din il-Qorti dwar din il-materja fis-sens li din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' ragunijiet ta' l-appell, ossia aggravji, li ma jkunux gew imsemmija fir-rikors tal-appell u dan fuq l-iskorta tal-artikoli 419(1)(b) u 505 tal-Kodici Kriminal[1]

**14.** L-uniku aggravju tal-imputat Mackay dwar il-piena jikkonsisti filli jallega li fic-cirkostanzi tal-kaz il-piena kienet wahda eccessiva. Kif din il-Qorti ser tispjega aktar tard f'dan l-appell fil-kors tal-kunsiderazzjoni tat-tieni aggravju tal-appell tal-Avukat Generali il-piena erogabbli ghar-reati kif gie misjub hati l-imputat Ronnie Mackay skont is-sentenza appellata hi ta' prigunerija minn 13-il xahar sa 9 snin[2]. Il-piena imposta mill-ewwel qorti hi dik ta' tmintax-il xahar prigunerija. Il-fatt li din il-piena ma hix fil-minimu taghha ma jfissirx li hi eccessiva, anki mehud kont tal-ammissjoni tal-istess imputat inkluz tal-

[1] Ara fost ohrajn App Kr P v Darren Attard, 3/9/2001; App Kr Rep v Marco Pace, 7/9/2002; App Kr P v Loreto Borg, 9 ta' Gunju 2004; App Kr P v Gaetan Gatt, 16/1/2013; P v Anthony sive Antoine Rapa, 21/1/2015

[2] Ara para 31 *infra*

addebitu msejjes fuq l-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali. Il-piena hi fi kwalunkwe kaz vicin ferm tal-minimu tal-piena erogabbli.

**15.** L-appellant Mackay jissottolinea l-fatt li kien hemm l-ammissjoni bikrija tieghu izda din ic-cirkostanza gia ttiehdet in kunsiderazzjoni mill-ewwel Qorti li ghamlet specifikatament riferenza ghaliha bhal ma certament hadet in kunsiderazzjoni wkoll il-precedenti penali tal-istess appellant.

**16.** L-appellant jishaq li l-piena ghandha tkun mezz riformattiv aktar milli mezz retributtiv jew ta' deterrent. Ma hemmx dubbju li r-riforma tal-ikkundannat hi wahda mill-ghanijiet tal-piena izda meta l-imputat jirrizulta li fil-passat gia nstab hati ta' reati serji ta' vjolenza fuq il-persuna li kkagunaw offizi hfief u anki gravi, hsara volontarja, attakk u rezistenza fuq ufficjali pubblici, u reati ohra, l-aspett detterrenti tal-piena jakkwista risalt konsiderevoli.

**17.** L-appellant Mackay irrefera wkoll ghall-fatt li anki persuni li nstabu hatja bhala recidivi, bhall-istess appellant, inghataw l-opportunità ta' piena ridotta. Izda kull reat ghandu l-fattispeci partikolari tieghu u dan it-tip ta' konfront bejn kaz u iehor ftit li xejn jista' jregi ghalkemm isir kull sforz sabiex ikun hemm kemm jista' jkun konsistenza u uniformita' fl-ghoti tal-piena, izda dan dejjem mehud kont tac-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz. Fil-kaz tal-appellant, kif inghad, il-piena li inghatat mill-ewwel Qorti hi gia qrib ferm il-minimu ghall-htija riskontrata mill-ewwel Qorti u ghalhekk l-istess appellant gia ggwadanja minn piena ferm ridotta. Tenut kont tal-gravità tar-reati li taghhom l-istess imputat nstab hati u tac-cirkostanzi li fihom gew kommessi kif ukoll fid-dawl tal-precedenti penali tieghu il-piena ma setghetx tkun hlief piena ta' prigunerija effettiva u ghalhekk din il-Qorti ma hix tal-fehna li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward tal-piena u ma tarax kif il-piena tista' tigi ridotta ulterjorment.

**18.** L-appell ta' Ronnie MacKay ser ghalhekk jigi michud.

**19.** Il-Qorti ser issa tikkunsidra l-appell tal-Avukat Generali.

20. **L-ewwel aggravju tal-appellant Avukat Generali** jirrigwarda l-fatt li l-ewwel Qorti *b'lapsus calami* naqset milli tindika l-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti ma hix tal-fehma li ghandha tahli wisq zmien fuq dan l-aggravju tenut kont tal-fatt li l-ewwel Qorti applikat l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali li a tenur tieghu l-ewwel Qorti kienet obbligata taghti l-piena ghar-reat l-aktar gravi u r-reat ta' hsara volontarja certament ma kienx ir-reat l-aktar gravi. Fi kwalunkwe kaz anki kieku din il-Qorti kellha thassar is-sentenza appellata ghar-rigward is-sejbien ta' htija ta' dan ir-reat il-pozizzjoni legali ma tinbidilx u l-Qorti jkollha tidhol hi fil-mertu tal-istess imputazzjoni[3] fejn l-ezitu jkun l-istess in vista tal-ammissjoni tal-htija tal-istess reat registrata mill-imputat quddiem l-ewwel Qorti.

21. **It-tieni aggravju tal-appellant Avukat Generali** jilmenta mill-fatt li l-piena ta' Daniel Vella, Robert Agius u Ronald Mackay huma taht il-minimu previst mil-ligi. Dan l-aggravju gie rtirat fil-konfront tal-imputat Ronnie Mackay, kif inghad[4], fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2015 quddiem din il-Qorti u l-Qorti, ghalhekk, iddecidiet li ma tiehux konjizzjoni tal-istess aggravju in kwantu jolqot lill-istess imputat.

22. Fin-nota tieghu tat-23 ta' Marzu 2015 l-Avukat Generali jghid li wara li hadem il-komputazzjoni tal-piena erogabbli fil-konfront tal-imputat Daniel Vella huwa kien tal-fehma li "meta l-Ewwel Onorabbli Qorti erogat fil-konront ta' Daniel Vella il-piena ta' tlettax (13)-il xahar prigunerija sospizi ghal tliet (3) snin, din il-piena ma kenitx taht il-minimu, kif erronjament indika l-esponenti (l-Avukat Generali) fir-rikors ta' appell tieghu, izda kienet <u>il-minimu assolut permissibbli bil-ligi</u>." Konsegwenzjalment, dan l-aggravju, in kwantu jilmenta li l-piena erogata kienet <u>taht</u> il-minimu permess mil-ligi qieghed jitqies rinunzjat u ghalhekk din il-Qorti ma hix ser tiehu konjizzjoni aktar tieghu in kwantu ghall-imputat Daniel Vella.

23. Jibqa' li jigi kunsidrat dan l-aggravju fil-konfront tal-imputat Robert Agius.

---

[3] Art. 428(3) tal-Kodici Kriminali
[4] para. 10 supra

**24.** L-Avukat Generali jsostni li tenut kont li r-reati li taghhom instab hati Robert Agius huma identici ghal dawk li taghhom instab hati l-imputat Ronnie Mackay isegwi li l-piena minima hi l-istess bhal dik fil-kaz ta' l-imsemmi Makay u cioè dik ta' tmintax-il xahar prigunerija u li ghalhekk l-ewwel Qorti taghtu piena taht il-minimu meta imponietlu piena ta' tlettax-il xahar prigunerija, ghalkemm sospizi.

**25.** Fl-24 ta' Frar 2015 saret nota da parti tal-imputati Ronnie Mackay u Robert Agius biex jispjegaw fil-fehma taghhom kif kellha tkun komputata l-piena fil-konfront taghhom. L-aggravju tal-Avukat Generali issa taht kunsiderazzjoni gie rtirat fil-konfront tal-imputat Ronnie Mackay u ghaldaqstant din il-Qorti ma hix ser tiehu konjizzjoni tal-istess nota ghalkemm haditha in kunsiderazzoni ghall-finijiet tal-appell tal-istess Ronnie Mackay mill-piena fejn hemmhekk kien jirritjeni li l-minimu tal-piena ghalih applikabbli hi dik ta' tlettax-il xahar prigunerija (fol. 110) mentri issa fin-nota msemmija jsostni li l-minimu tal-piena applikabbli fil-konfront tieghu hi dik ta' 9 xhur prigunerija.

**26.** In kwantu ghal dak li jinghad fin-nota msemmija ghan-nom tal-imputat Robert Agius, il-konkluzjoni raggunta minnu fl-istess nota li l-minimu tal-piena applikabbli fil-konfront tieghu hi dik ta' 9 xhur hi msejjsa fuq il-premessa li l-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali ma hux applikabbli fil-konfront tieghu. Kif gia inghad, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' dan l-aggravju izda trid tipprocedi fuq il-premessa li l-istess artikolu 141 hu applikabbli kif specifikatament irriteniet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha. Dan kemm ghaliex l-istess Robert Agius ma appellax mis-sentenza tal-ewwel Qorti kif ukoll ghaliex b'nota tieghu tas-17 ta' Ottubru 2014 quddiem l-ewwel Qorti l-istess Robert Agius iddikjara li "jaccetta l-effetti tal-istess sentenza" (fol. 89).

**27.** Jidher li hemm konfuzjoni konsiderevoli, deliberata jew inavvertita, dwar kif tigi komputata l-piena fil-kaz odjern. Fir-rikors tal-appell tieghu l-Avukat Generali sostna li l-minimu tal-piena applikabbli hu dak ta' sentejn prigunerija u dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 141 u tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali. Illum l-Avukat Generali qieghed isostni li l-minimu tal-piena applikabbli hu dak ta' tmintax-il xahar prigunerija tenut kont tal-fatt li z-zieda fil-piena skont l-artikolu

49 u 50 hi diskrezzjonarja. Fir-rikors tal-appell tieghu ma huwiex spjegat car a bazi ta’ liema artikoli tal-ligi giet komputata l-piena izda min-nota spjegattiva tieghu tat-23 ta’ Marzu 2015 jirrizulta li qieghed jibbaza l-komputazzjoni tal-piena fuq dak previst fl-artikolu 277(b) tal-Kodici Kriminali. Fuq il-bazi tal-istess artikolu bena l-komputazzjoni tieghu l-appellat Daniel Vella (fol. 468) u l-istess ghamlu l-imputati Ronnie Mckay u Robert Agius fin-nota taghhom tal-24 ta’ Marzu 2015.

**28.** L-artikolu bazi ghall-finijiet ta’ piena fil-kaz odjern, izda, ma hux l-artikolu 277(b) izda l-artikolu 280(2) tal-Kodici Kriminali u partikolarment il-proviso tal-istess artikolu 280(2). L-artikolu 280(2) msemmi jipprovdi li fil-kaz li r-reat ta’ serq ikun aggravat bil-valur u jkun akkumpanjat ukoll bil-kwalifika tal-vjolenza jew tal-mezz, jew bit-tnejn (bhal ma hu l-kaz odjern) ghandha tinghata l-piena li hemm ghas-serq akkumpanjat b’dawk il-kwalifiki. Il-proviso tal-istess artikolu 280(2), izda jipprovdi li “jekk dik il-piena tkun anqas mill-pieni msemmija fl-ahhar artikolu qabel dan (*u cioè fl-artikolu 279*), ghandhom jinghataw dawn l-ahhar pieni (*cioè, fl-artikolu 279*) mizjuda bi grad”.

**29.** Il-piena ghar-reat ta’ serq fejn il-valur tal-haga jeccedi l-€2,329.37, bhal fil-kaz odjern, hi dik li tinsab fil-paragrafu (b) tal-artikolu 279 u cioè il-piena ta’ prigunerija ghal zmien minn tlettax-il xahar sa seba’ snin. Li ma kienx ghall-proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 280 il-piena ghar-reat ta’ serq kwalifikat bil-valur, vjolenza u mezz, jew bit-tnejn, kienet tkun inqas mill-piena ghar-reat ta’ serq meta kwalifikat bil-valur li jeccedi l-€2,329.37. Ghalhekk jiskatta l-proviso tas-subartikolu (2) imsemmi bil-konsegwenza li ghall-kaz hi applikabbli l-piena msemmija fil-paragrafu (b) tal-artikolu 279 mizjuda bi grad. Il-piena fil-paragrafu (b) hi dik ta’ prigunerija ghal zmien minn 13-il xahar sa 7 snin, kif inghad. Mizjuda bi grad il-piena toghla ghal 18-il xahar sa 9 snin. Trattandosi ta’ tentattiv il-piena tinzel bi grad jew zewg gradi u cioè ghal 9 xhur sa 6 snin. Bl-applikazzjoni tal-artikolu 141 il-piena tizdied bi grad ghal 13-il xahar sa 9 snin. Bl-applikazzjoni taz-zieda fil-kaz tar-recidiva din potenzjalment tizdied ghall-piena ta’ prigunerija minn 18-il xahar sa 12-il sena izda din iz-zieda hi diskrezzjonarja ghall-Qorti.

**30.** Robert Agius inghata l-piena ta’ prigunerija ghal 13-il xahar (sospiza) li ghalhekk hi l-piena fil-minimu taghha eskluz iz-zieda ghar-recidiva li hi diskrezzjonarja. Ghalhekk ma jistax jinghad, kif pretiz mill-Avukat Generali, li l-piena li inghatat lil Robert Agius hi taht il-minimu permess mil-ligi u ghalhekk, dan l-aggravju fil-konfront tal-imsemmi Robert Agius ukoll ma hux sostnut filwaqt li, kif inghad, gie rinunzjat mill-Avukat Generali fil-konfront ta’ Ronnie Mackay[5] u ta’ Daniel Vella[6].

**31.** Dan l-aggravju tal-Avukat Generali qieghed ghalhekk jigi respint.

**32.** **Fit-tielet aggravju u fir-raba’ aggravju l-Avukat Generali** jilmenta mill-piena erogata fil-konfront ta’ Daniel Vella u Robert Agius. Fit-tielet aggravju jilmenta li l-piena karcerarja fil-konfront ta’ Daniel Vella u Robert Agius ma kellhiex tigi sospiza izda kellha tkun wahda karcerarja tenut kont tal-fatt li tnejn mill-imputati li ma appellawx wehlu piena effettiva meta dawn gew involuti minn Ronald Mackay mentri l-menti tar-reat qed igawdi s-sospensjoni tal-piena karcerarja. Fir-raba’ aggravju jilmenta li fi kwalunkwe kaz il-piena ta’ prigunerija, anki jekk sospiza, kellha tizdied mill-inqas sa tmintax il-xahar.

**33.** Kif gia inghad[7], din il-Qorti bħala Qorti ta’ reviżjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-piena fejn din tkun taqa’ fil-parametri tal-liġi. Fejn si tratta ta’ appell mill-Avukat Generali dwar piena din il-Qorti wkoll ma tiddisturbax l-apprezzament tal-ewwel Qorti sakemm dik il-piena ma tkunx waħda manifestament irragonevoli jew ma jkunx hemm raġunijiet serji oħra li minħabba fihom din il-Qorti jkollha tintervjeni biex taltera l-piena erogata mill-ewwel Qorti.

**34.** Fl-aggravju tieghu l-Avukat Generali ma hux jirritjeni li l-piena inflitta hi fiha nfisha manifestament u oggettivament imtaffija hafna izda jsostni li meta komparata mal-piena li inghatat lil zewg imputati ohra li inghataw piena karcerarja effettiva u li ma appellawx il-piena karcerarja sospiza fil-konfront ta’ Daniel Vella u Robert Agius ghandha wkoll tigi konvertita f’wahda effettiva

[5] para 20 u 22 supra
[6] para 23 supra
[7] para 11 supra

peress li dawn kellhom rwol aktar attiv u importanti fir-reat minn dawk li ma appellawx u inghataw piena karcerarja effettiva. Certament il-gudikant fl-ahjar pozizzjoni li jaghmel dan it-tip ta' ezercizzju komparattiv huwa l-gudikant fl-ewwel istanza x'hin ikollu quddiemu lill-imputati kollha u mhux din il-Qorti li quddiemha ghandha biss dawk l-imputati li appellaw, waqt li dawk li ma appellawx u anqas sar appell fil-konfront taghhom anqas jinsabu quddiemha bil-konsegwenza li din il-Qorti ma hix fil-qaghda li tikkalibra l-piena fil-konfront tal-imputati kollha. L-fatt li zewg imputati li inghataw piena ta' prigunerija effettiva ma appellawx ma jfissirx li l-imputati Daniel Vella u Robert Agius ghandhom ukoll jinghataw piena karcerarja effettiva. Id-differenza fil-fedini penali tal-imputati Vella[8] u Agius[9] u dawk taz-zewg imputati li ma appellawx, cioe Kurt Buttigieg[10] u Juanito Jimenez[11] gia hi bizzejjed sabiex tispjega u tiggustifika t-trattament divers li rcevew in kwantu piena mill-ewwel Qorti.

**35.** Il-fatt jibqa' li l-piena erogata fil-konfront tal-imputati Daniel Vella u Robert Agius ma gietx murija li ma hix fil-parametri tal-ligi u anqas li hi manifestament irragonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz u anqas jirrizultaw ragunijiet serji ohra li jaghtu lok li din il-Qorti tintervjeni sabiex taltera l-piena inflitta mill-ewwel Qorti.

**36.** Ghalhekk dawn l-aggravji wkoll qieghdin jigu respinti.

**37.** **Il-hames aggravju tal-Avukat Generali** jirrigwarda l-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali ghall-vettura bin-numru ta' registrazzjoni Bulgaru TX6140XC bhala *l-corpus delicti*. Dwar dan l-aggravju jigi osservat li skont l-artikolu 23 msemmi il-konfiska tal-*corpus delicti* hija konsegwenza tal-piena stabbilita mil-ligi, barra minn meta persuna li ma tkunx hadet sehem fid-delitt ikollha jedd fuq l-oggett. Fil-kaz odjern ma hemm ebda riferenza ghall-vettura in kwistjoni fl-imputazzjonijiet u meta l-vettura msemmija giet esibita formalment mill-prosekuzzjoni (fol 8) ma sar ebda kumment dwarha mill-istess prosekuzzjoni. Inoltre, mill-atti tal-process ma jirrizultawx provi inekwivoci dwar is-sehem tal-vettura fir-reat u dwar is-sid tal-istess vettura u dwar min

[8] fol 44
[9] fol 45
[10] fol 49 sa 54
[11] Fol 47 sa 48

jista' ghandu jedd fuqha. Din il-Qorti, ghalhekk, f'din l-istanza ma hix f'pozizzjoni li tilqa' dan l-aggravju tal-Avukat Generali.

Ghaldaqstant din il-Qorti tichad l-appell ta' Ronnie MacKay, tilqa' l-appell tal-Avukat Generali *in parte* billi tilqa' l-ewwel zewg talbiet fir-rikors tieghu tal-appell izda tichad it-tielet talba tieghu fl-istess rikors tal-appell, u b'hekk tikkonferma fl-intier taghha is-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------